MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Numru 13/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**George Cucciardi**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 13 tas-sena 2001 kontra l-akkuzat George Cucciardi, kif ridott u emendat bin-nota ta' l-Avukat Generali w d-Digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Frar, 2004, li bih huwa gie akkuzat talli :

wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta illi sas-sena elf disa mija disgha w disghin (1999), George Cucciardi kien mizzewweg lil Maria Grazia, u minnha kellu tifel u tifla. Sal-imsemmija sena George Cucciardi kien ilu jahdem bhala taxi driver u minkejja diversi tentattivi sabiex il-hajja matrimonjali tieghu ma tibqax tmur ghall-aghar, il-problemi baqghu hemm, hekk bhal per ezempju l-istat ta' dipressjoni ta'

martu w nuqqas ta’ kompatibilita’ ta’ karattri bejniethom, tant li eventwalment spiccaw sabiex kellhom jisseparaw.

Minhabba l-imsemmija problemi, George Cucciardi kien ta’ spiss qieghed jispicca ikollu argumenti ma’ l-istess martu; argumenti dwar manteniment, kustodja ta’ tfal kif ukoll dwar it-tip ta’ hajja li l-istess martu riedet tibda tghix wara s-separazzjoni minn mieghu.

Gara li f’xi hin tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar tal-hamsa w ghoxrin (25) ta’ Dicembru, tal-imsemmija sena 1999, George Cucciardi kellu ghal darb’ohra xi jghid ma’ martu vicin ir-residenza ta’ certu Henry Grixti gewwa Triq l-Ifran, Valletta. Mart George Cucciardi kienet, sa’ dak il-jum, ilha gimghat tghix regolarment mal-imsemmi Henry Grixti. Dakinhar, George Cucciardi ddecieda li ssegwi l-passi ta’ martu li wasslu sad-dar tal-imsemmi Henry Grixti f’numru 120A, Triq l-Ifran, il-Belt. Hekk kif appena Maria Grazia dahlet wahedha gewwa l-imsemmi fond u ghalqet il-bieb ta’ barra, George Cucciardi fetah l-istess bieb bil-forza billi tah daqqa ta’ sieq u xehtu l-gewwa. Kif semghet u rat hekk Maria Grazia, li kienet ghal dak l-ahhar zmien bdiet tibza minn zewgha, hasset il-htiega mmedjata li tipprova taggredih, u dana anke peress li huwa beda jghajjaraha w jheddidha. Kien ghalhekk li hija bdiet tghajjat lil Henry Grixti, li dak il-hin ma kienx hemm u dan il-fatt hija kienet tafu, sabiex attaparsi jigi jiddefendiha billi jattakka lil zewgha. X’hin rat li minkejja dan, zewgha kien ser jippersisti, hija qabdet f’idejha pala tat-tip li juzaw il-bennejja u li dak il-hin kienet tistrieh hdejn it-tarag u b’dik il-pala tat daqqa lill-id ix-xellugija ta’ George Cucciardi. Hija ssieltet mieghu malli dan ipprova jahtfilha l-pala minn idejha. Waqt li ssieltu ghal ftit tal-hin, fejn ukoll tqallbu fuq xi sodda biswit u twaqqghu xi tazzi mal-art, hija rrnexxielha tigref lil zewgha fl-istess id.

Pero’ George Cucciardi rrnexxielu wkoll jahtaf il-pala minn idejha. Kien f’dan il-mument li George Cucciardi gietu l-intenzzjoni w l-hsieb li jikkaguna offiza fuq persuntha. Kien f’dak l-istess mument ukoll ghalhekk li huwa fferocja, gholla l-pala l-fuq u ta daqqa biha, bil-parti ppuntata, f’ras martu Maria Grazia. Dina mill-ewwel intilfet minn

sensieha, beda hiereg gelgul ta' demm mill-ferita fonda li zewgha kkagunalha w waqghet it-tarag minn gholi imdaqqas. Kif ra hekk, George Cucciardi rema l-pala hemmhekk, tbaxxa biswit martu, ha l-basket taghha fejn fih kien hemm xi cwievet tad-dar matrimonjali taghhom kif ukoll ta' xi sejf, u rehielha l-hemm bil-mixi.

Fortunatament, minhabba li Maria Grazia Cucciardi spiccat mimduda fuq il-bankina fit-triq pubblika, w inzerta li dak il-hin kienu ghaddejjin xi nies mill-istess triq, dawn l-istess nies cemplu ghal ambulanza.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi George Cucciardi sar hati ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Maria Grazia Cucciardi, li setghet iggib periklu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem u/jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem taghha, b'dan li din l-offiza kienet ipprovokata b'delitt fuq il-persuna tieghu punibbli b'aktar minn sena prigunerija.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi George Cucciardi hati ta'
offiza gravi fuq il-persuna ta' Maria Grazia Cucciardi li setghet iggib periklu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem u/jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem taghha, b'dan li din l-offiza kienet ipprovokata b'delitt fuq il-persuna tieghu punibbli b'aktar minn sena prigunerija.

U peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-ghaxra ta' Dicembru, elf disa mija sitta w disghin, George Cucciardi nstab hati tad-delitt ta' hsara volontarja w gie kkundannat piena ta' multa ta' tlett mitt Lira, liema sentenza hija definittiva, l-Avukat Generali addebita lill-istess George Cucciardi bir-recidiva.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija sa sitt xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 216 (a)(ii)(iii), 227 (a) 230 (a), 231 (1)(c), 49, 50, 31, 23, 20 u 533 tal-Kodici

Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.
Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-23 ta’ Frar, 2004 li biha talab li l-Att tal-Akkuza originali jigi emendat u korrett biex jaqra kif jidher hawn fuq ;

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti tal-istess data li bih laqghet it-talba tal-Avukat Generali u ordnat il-korrezzjonijiet u emendi opportuni ;

Rat illi l-akkuzat ta ruhu b’notifikat bl-Att ta’ l-Akkuza kif emendat u rrinunzja ghall-kull terminu skond il-ligi w iddikjara li l-kawza setghet tigi deciza fis-seduta ta’ dak in-nhar.

Rat illi waqt is-seduta tat-23 ta’ Frar, 2004, l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza kif ridott u emendat bin-nota ta’ l-Avukat Generali fuq imsemmija , wiegeb billi  stqarr li hu kien hati tar-reat hemm dedott kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-  twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta , l-akkuzat  baqa’ jtenni t-twegiba li hu kien hati ;

Tiddikjara ghalhekk lill-George Cucciardi hati talli fil-Belt, Valletta, fil-25 ta’ Dicembru, 1999 ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara nofs inhar (2 pm) sar hati ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ Maria Grazia Cucciardi li setghet iggib periklu ta’ debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem u/jew difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem, b’dana li din l-offiza kienet ipprovokata b’delitt fuq il-persuna tieghu punibbli b’aktar minn sena prigunerija.

Tiddikjara wkoll lill-istess George Cucciardi recidiv peress li b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ l-10 ta’ Dicembru 1996 kien instab hati tad-delitt ta’ hsara volontarja w gie

kkundannat ghal piena ta’ multa ta’ tlett mitt lira (LM300) liema sentenza hija definittiva.

Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza dwar il-piena w cioe’ lill-istess vittma Maria Grazia Cucciardi , bintha Rina Aquilina w r-ragel ta’ bintha Joseph Aquilina ;

Rat in-Nota tad-difiza bid-dokumenti maghha annessi pprezentata waqt l-udjenza tat-23 ta’ Frar, 2004;

Rat in-Nota tal-Prosekuzzjoni tal-istess data li biha esebiet fedina penali aggornata tal-hati ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri w tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Rat li d-difiza rtirat sottomissjoni li hi kienet ghamlet dwar ir-recidiva ;

Qieset illi l-istess Avukat Generali fl-Att ta’ l-Akkuza kif ridott u emendat ikkonceda lill-hati l-beneficcju ta’ l-attenwanti li, meta kkaguna l-offiza gravi, dan kien ghamlu ghaliex kien ipprovokat b’delitt fuq il-persuna tieghu punibbli b’aktar minn sena prigunerija.

Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara “**Ir-Repubbluika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**”, Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**” , Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.);

Qieset dak kollu li qalet id-difiza fil-kors tat-trattazzjoni , inkluz u senjatament ic-cirkostanzi kollha familjari w r-relazzjoni partikolari li kien hemm bejn il-hati u l-vittma martu fid-dawl tal-aggressivita’, il-promiskwita’ u l-hajja bla qies taghha w l-mod kif il-hati ma kienx kapaci li jieqfilha , kif irrizulta mix-xhieda tal-istess martu , binthom u r-ragel ta’ binthom . Qieset ukoll il-fatt li mart il-hati hafritlu u anzi

xehdet li kien hu li jrid jahfrilha ghal dak li ghamlitlu w li l-incident kien gara tort taghha.Qieset ukoll il-periodu li l-hati ghamel taht arrest preventiv;

Mill-banda l-ohra qieset ukoll dak li ssottometta l-abbli prosekutur dwar il-piena , u cioe' li ghandu jkun hemm piena karcerarja ghal reati ta' dan it-tip u mill-bqija rrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti . Qieset ukoll il-fedina penali tal-hati li minnha jidher li din mhux l-ewwel darba li hu kien qed jinstab hati ta' reati li jinvolvi atti ta' aggressjoni kontra diversi persuni nkluza l-istess martu. Qieset ukoll li hu ammetta li hu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 skond l-Att tal-Akkuza.

Qieset li skond l-artikolu 231 (1)(c) tal-Kodici Kriminali, ghalkemm il-piena ta' offiza gravi li ggib il-konsegwenzi msemnmija fl-Att ta' l-Akkuza kif emendat hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlitt xhur meta jkun hemm il-provokazzjoni msemmija fl-Artikolu 227 (a) u 230 (a), pero' skond l-Artikolu 31 (1)(b)(xii)(xiii) u l-Artikolu 50 tal-Kap. 9 din tista' tizdied bi grad wiehed sa piena massima ta' sitt xhur, minhabba r-recidiva.

Rat l-artikoli 216(1)(a)(ii)(iii), 227(a), 230(a), 231(1)(c), 20, 22, 23, 31,49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali

Tikkundanna lill-hati George Cucciardi ghall-piena ta' erba xhur u hmistax il-jum prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan ir-reat kif ukoll li jhallas is-somma ta' disa' mija w sitta w sebghin lira Maltin u hamsa w tletin centezmu (LM 976.35c), import tal-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------